MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Numru. 51/2009

**Il-Pulizija**
**(Supt. Norbert Ciappara)**

**vs.**

**George Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra George Vella ta' 34-il sena, imwieled il-Pieta fl-4 ta' Gunju 1974, iben Spiridione u Emanuela nee Farrugia, residenti gewwa No. 2 Blk 2, Triq it-Tarag it-Tarznari, Bormla, detentur tal-Karta tal-Identita numru 295674(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fid-9 ta' April 2008 u matul il-jiem ta' qabel:

a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Wara li semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-

Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Wara li rat illi fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2011, il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi.

Wara li rat illi fl-istess seduta tal-14 ta' Marzu 2011, wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontrih. Din l-ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

**Htija**

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Piena**

Ghall-fini tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputazzjoni (b) hija assorbita fl-imputazzjoni (a) ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9, stante li serviet bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ta' traffikar u bejgh tad-droga eroina.

Fil-kaz odjern, l-ammissjoni tal-hati mhix wahda bikrija, stante li l-kawza inbdiet fl-4 ta' Gunju 2010, u l-ammissjoni saret fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2011 – cioe 9 xhur wara li inbdiet. Jigi rilevat li din l-ammissjoni saret wara li l-prosekuzzjoni kienet iddikjarat li ghalqet il-provi taghha fl-istess seduta, u fil-fatt fil-fehma ta' din il-Qorti, il-

prosekuzzjoni kienet ippruvat il-kaz taghha l'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, anki ghaliex l-imputat inqabad *in flagrante* mill-pulizija bi tlett qratas eroina. Huwa ovvju li meta l-imputat sab ruhu daru mal-hajt, ammetta biex forsi jiehu xi mitigazzjoni fil-piena ghall-ammissjoni. Pero l-imputat xorta hela l-hin tal-Qorti u r-rizorsi tal-Pulizija, u ghalhekk m'ghandu jibbenefika minn ebda riduzzjoni fil-piena ghall-fatt li huwa irregistra ammissjoni.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni il-fedina raffrettarja tal-imputat. Fil-fedina penali aggornata tieghu, l-imputat ghandu 17-il kundanna. Il-maggoranza taghhom huma in konnessjoni ma serq, u ghandu 3 kundanni in konnessjoni ma pussess semplici tad-droga. Huwa inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati, fosthom ta' liberta kondizzjonata u tlett ordinijiet ta' Probation, tnejn minnhom wara li nstab hati ta' pussess semplici tad-droga. Ghalhekk l-imputat inghata diversi opportunijiet biex imur fit-triq it-tajba, izda sfortunatament ma gharafx juzufruwixxi minn tali opportunitajiet, u fil-fatt bhalissa qieghed jiskonta diversi sentenzi ta' prigunerija li b'kollox jammontaw ghal 16-il sena habs.

Huwa vera li l-imputat ma nqabadx b'ammont kbir hafna ta' droga eroina (0.18 grammi ta' purity ta' 39.3%, maqsuma fi tlett qratas)[1]. Pero mill-istqarrija tieghu li hu ikkonferma bil-gurament fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti jirrizulta li l-imputat kien jixtri medja ta' 3 grammi kuljum. Kien izomm gramma ghall-uzu tieghu personali, u z-zewg grammi l-ohra jqassamhom fi qratas. Skont l-istqarrija u x-xhieda ta' l-imputat stess, minn kull gramma kien johrog madwar 8 qartas ta' €20 il-wiehed, li kien ibieghom biex ikun jista' jiffinanzja il-vizzju tieghu. Dan ifisser li minn kull 2 grammi kien biegh 16-il qartas kuljum. Mill-provi ma jirrizultax preciz kemm l-imputat kien ilu jaghmel dan, pero skont l-imputazzjoni minnu ammessa, jirrizulta li dan sar *"fid-9 ta' April 2008 u matul il-jiem ta' qabel."* Dan ifisser li l-imputat kien ilu ghall-inqas madwar gimgha jittraffika d-droga, u jekk kien ibiegh medja ta' 16-il

[1] Ara xhieda tal-ispizjar Mario Mifsud a fol. 33 tal-process.

qartas kuljum, dan ifisser li l-imputat lahaq ittraffika medja ta' 112 qartas (16-il qartas x 7).

Il-Qorti tixtieq taghmilha cara li hi tqis it-traffikar ta' drogi bhala reat serjissimu, u ma huwa ebda attenwant il-fatt li dan isir minn *drug addict* biex jiffinanzja l-problema tad-droga tieghu. Min isofri mill-problema tad-droga u/jew ghandu problemi familjari ghandu jipprova jikkura ruhu u jfittex l-ghajnuna biex isolvi l-problemi familjari, u mhux jittraffika d-droga. Il-vizzju u l-problemi ta' dak li jkun ma jintitolahx jaghmel hsara lil haddiehor, u possibbilment jirvina anke zghazagh ohra. Fil-fatt, fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Carmel Shone Stone** (Appell Nru. 198/96) deciza fl-20 ta' Jannar 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet illi *"... ... min isofri mill-problema tad-droga ghandu jipprova jikkura ruhu u mhux jaccetta li jittraffika d-droga sabiex jakkwista minnha minghajr flus. Il-vizzju ta' dak li jkun ma jintitolahx jaghmel hsara lil haddiehor, u possibilment jirvina anke zghazagh ohra, biex jissodisfa l-htigijiet tieghu."*

Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Pulizija v. Charles Muscat**, deciza fid-9 ta' Mejju 2002: *"Illi din il-Qorti specjalment f'kazijiet bhal dawn relatati ma pprokurar u traffikar ta' droga trid tibbilancja ukoll l-interess tal-appellant u tar-riforma tieghu bhala cittadin mal-aspett punittiv u ta' deterrent ghalih u ghall-persuni ohra li imbarkaw jew behsiebhom jimbarkaw fuq attivita tant nociva ghas-socjeta bhala ma hu l-ispacc jew l-ipprokurar ta' droga, partikolarment fost persuni ta' eta tenera, fenomenu dan li ta' kulljum u kull ma jmur qed johloq pjaga fis-socjeta u bir-ragun jikkreja allarm socjali li jesigi li min jinstab hati ta' eghmil simili jahsad dak li jkun zergha f'termini ta' piena."*

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u

tikkundannah ghal piena ta’ tlett (3) snin prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom - u multa ta’ elfejn Euro (€2,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan li jekk l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------